MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 177/2003

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Hayes Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta' erbat elef seba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin, (LM4,787.00,0), lis-socjeta' attrici, liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz

dovut ghar-rekoveru u l-kura tal-pazjenta Evgenia Jukova, ta' nazzjonalita' Russa, fis-"St.Philip's Hospital" u servizzi medici relatati;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 t'April tas-sena 2003 li permezz taghhom s-socjeta' konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma pretiza;

2. Illi l-pazjenta Evgenia Jukova li nghatat kura fl-isptar "St.Philip's" ma kienetx assikurata ma' u lanqas rapprezentata mis-socjeta' eccipjenti li ntervjeniet fil-kwistjoni biss bhala korrispondenti ta' kumpanija ta' assistenza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ezagerat;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi prodotti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2004 li permezz tieghu nformaw lill-qorti li kienu ttransigew is-sorte izda ma qablux fuq il-kap ta' l-ispejjez;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici datata l-15 ta' Novembru tas-sena 2004;

Rat ukoll in-nota responsiva tas-socjeta' konvenuta datata l-24 ta' Novembru tas-sena 2004;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-partijiet infurmaw lill-qorti li huma wasslu ghal xi forma ta' ftehim bejniethom dawn jidhru li naqsu jinfurmawha bid-dettalji ta' l-istess;

Illi ghaldaqstant hu d-dover taghha li xorta tesplora l-meritu tal-kaz involut li jista' sintetikament jigi espost bil-mod segwenti:

1. Illi fil-perjodu bejn is-27 t'Awissu u l-4 ta' Settembru tas-sena 2002 certa Evgenia Jukova kienet giet rikoverata b'urgenza fl-isptar San Filep, ta' Santa Venera, wara li l-kura lilha moghtija fi sptar iehor rrizultaw nocivi ghaliha;

2. Illi din Jukova kienet assigurata mas-socjeta' Coris li fis-suq in dizamina hi maghrufa bhala "assistant company";

3. Illi s-socjeta' konvenuta hija s-socjeta' korrispondenti ta' din is-socjeta' estera indikata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

Illi stante li s-socjeta' assigurattrici estera m'ghandha l-ebda sit kummercjali f'Malta hi rapprezentata lokalment mis-socjeta' konvenuta;

Illi ghalhekk kull dritt jew lanjanza li terzi jista' jkollhom fil-konfront ta' din is-socjeta' estera jistghu jigu ndirizzati direttament lil din is-socjeta' rapprezentattrici;

Illi altrimenti, l-bona fede tant necessarja u rikjesta f'dan il-kamp hekk delikat ittir mar-rih b'detriment ghall-istess kummerc f'dan il-qasam;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-pazjenta fuq indikata kienet assigurata mas-socjeta' Coris;

Illi s-socjeta' rapprezentattrici taghha f'Malta hi s-socjeta' konvenuta u ghalhekk hu inutili li teccepixxi l-estraneita' tar-relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni;

Illi ghalhekk din is-socjeta' konvenuta hi obbligata taghmel tajjeb fin-nuqqas tas-socjeta' li qed tirrapprezenta;

Illi ghalhekk, it-tieni eccezzjoni hi respinta wkoll;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwantum mitlub mis-socjeta' attrici, din il-qorti hi sodisfatta li l-ammont pretiz u effettivament dovut skond kif ipprovat mid-dokumentazzjoni prodotta mill-istess socjeta' attrici li bl-ebda mod ma gie konfutat mis-socjeta' konvenuta;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' Hayes Insurance Agency Limited biex thallas l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin, (LM4,787.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------